

*Dan l-aħħar qrajt li l-Papa Benedittu ħareġ dokument dwar l-Ewkaristija. F'xi gazzetti li semmew dan id-dokument qrajt li l-Papa se jerġa' jdaħħal il-quddiesa bil-Latin. Dan minnu jew le? Mhux aħjar li l-Quddies jibqa' bl-ilsien li jifhmu in-nies?*

Mary Camilleri, Ħal Lija

# Se nerġgħu bil-Latin?

Kif għedt tajjeb int, il-Papa ħareġ Eżortazzjoni Appostolika dwar l-Ewkaristija, bl-isem *Sacramentum Caritatis*, jiġifieri *s-Sagrament ta' l-Imħabba*.

Qabel xejn, x'jiġifieri "Eżortazzjoni Appostolika"? Din hija tip ta' dokument li joħorġu l-Papiet fil-Maġisteru tagħhom. Hija ittra twila u sabiħa dwar l-Ewkaristija, u tiġbor bosta mill-frott tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li kien sar f'Ruma f'2005.

Fiha, il-Papa Benedittu XVI ġabar bosta tagħlim rikk dwar l-Ewkaristija. Kompla jżid mad-dokumenti sbieħ li ħareġ il-Papa Ġwanni Pawlu II dwar l-Ewkaristija lejn tmiem il-pontifikat tiegħu, jiġifieri l-Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* (April, 2003) u l-Ittra Appostolika *Ibqa' magħna Mulej* (Ottubru, 2004).

Hija ħasra li bosta sezzjonijiet ta' l-istampa kemm dik barranija kif ukoll dik lokali insew bosta mill-ġmiel li fiha l-Eżortazzjoni *Sacramentum Caritatis*, u waqfu biss fuq dettall ċkejken dwar l-użu tal-Latin f'xi każi, u agħar minn hekk, interpretawh ħażin, kif se ngħid aktar tard.

Ħalli nkunu ċari. Il-Konċilju Vatikan II, bir-riforma liturġika li nieda, qatt ma neħħa l-Latin mil-Liturġija. Kien ta permess biex jibda jintuża l-vernakular, jiġifieri l-ilsien tal-post. Wieħed jifhem l-utilità ta' deċiżjoni bħal din.

Illum, anqas minn qabel, ftit huma dawk li jifhmu l-Latin. Għaldaqstant huwa dejjem desiderabbli li l-ġemgħa li tiċċelebra s-sagramenti u mumenti oħra tal-liturġija mqaddsa, tifhem sew dak li jkun qed jiġri u jingħad. Wara kollox, id-dokument tal-Konċilju dwar il-Liturġija jisħaq fuq il-ħtieġa ta' parteċipazzjoni ħajja, attiva u li tħalli l-frott fl-insara.

Kif kont qed infisser qabel, hemm referenza għall-ilsien Latin fil-liturġija f'*Sacramentum Caritatis*. Dan insibuh biss f'paragrafu 62 tad-

dokument. X'jgħid il-Papa tassew?

Hawn qed jirreferi għal ċelebrazzjonijiet internazzjonali kbar li ta' spiss ikunu organizzati. Jiġuni f'moħħi ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Papa fi Pjazza San Pietru, jew il-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali, jew manifestazzjonijiet kbar bħalma jsiru f'Lourdes jew Fatima.

Il-Papa jgħid li tkun ħaġa tajba li wieħed jieħu l-ġid li jista' minn laqgħat bħal dawn. Il-Papa jgħid ukoll li sabiex tkun tidher aktar l-għaqda u l-universalità tal-Knisja, ikun aħjar li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet isiru bil-Latin, bl-eċċezzjoni tal-qari, l-omelija u t-talbiet tal-ġemgħa. Dawn isiru bl-ilsna mitkellma llum.

Jgħid ukoll li talb ieħor popolari u li huwa parti mit-tradizzjoni tal-Knisja għandu jingħad bil-Latin, u jekk hu possibbli, jitkantaw xi partijiet tal-quddiesa bil-melodiji Gregorjani.

Jidhirli li l-qarrejja li għamlet il-mistoqsija m'għandhiex tallarma ruħha. Dwar il-Latin fil-quddies, il-Papa jsemmi biss sitwazzjonijiet partikolari fejn ikun hemm kongregazzjoni li tkun internazzjonali. Dan żgur li mhux il-każ tal-parroċċi u l-knejjes tagħna.

# Qawwa lagħna

Ħafna snin ilu, ġiet għandi mara li ma kontx nafha - u għadni ma nafhiex - biex tqerr. Kienet persuna viċin il-Knisja u s-sagramenti, iżda kellha raġuni speċjali għaliex ġiet dakinhar. Xtaqet tqerr u titqarben biex tħossha mimlija bis-saħħa spiritwali li tagħtiha l-Ewkaristija.

Fil-fatt kellha tilwima ma' ħutha, li kienet ilha sejra żmien twil. L-għada li ġiet kellhom jiltaqgħu flimkien biex forsi jirranġaw il-firda. Xtaqet tħejji ruħha billi tqerr, tisma' quddiesa u titqarben.

Ħassejtha grazzja kbira li ltqajt ma' din il-persuna. Kien mument ieħor meta l-Mulej bagħat lil xi ħadd biex jgħallimni xi ħaġa, biex jagħtini dawl ġdid.

Fl-Enċiklika ta' Benedittu XVI, ***Deus Caritas Est*** iltqajt ma' din is-sentenza: *"Ewkaristija li ma tgħaddix għal imħabba mwettqa fil-prattika hija mfarrka fiha nnifisha"* (n. 14). Dan il-kliem iqiegħed fuqna responsabbiltà u offerta.

Responsabbiltà għaliex dan ifisser li qalbi trid tkun meħlusa minn kull għebusija biex nista' nitqarben. Hawn mhux qed nifhem weġgħa, jew li nkun qed niġġieled kontra rabja li tkun tqanqlet fija b'reazzjoni għal xi ħaġa li għamluli. Dawn jitolbu żmien għall-fejqan. Qed nifhem li fl-ispirtu tiegħi ma rridhomx. Ifisser li qabel nitqarben ngħidlu: *"Mulej, jien ma rridhiex din ir-rabja"*. Hekk ma tħallix ir-rabja trabbi l-għeruq fik.

[illegible] għax nistgħu ndaħħlu iktar l-Ewkaristija bħala għajnuna u qawwa biex ngħixu l-imħabba.

Nipproponi xi talbiet għal qabel jew wara t-Tqarbin: *"Ġesù: int se tidħol ġewwa fija (jew qiegħed ġewwa fija). Żidli l-imħabba lejn żewġi (marti, it-tfal, ommi, missieri, ħuti). Agħmel li nħobbhom bl-istess imħabba li qed tagħtini issa int."*

Inkella: *"Ġesù, inti taf id-djieqa (il-weġgħa, ir-rabja) li hemm fija. Bil-preżenza reali tiegħek, fejjaqni minnha u agħtini qalb ġdida bħal tiegħek"*.